MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 536/2006

Malta Shipyards Limited
vs
Il-Bastiment ZEBBUG

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Ivan Borg ghas-socjeta` rikorrenti li bih espona:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet tinsab kreditrici tal-bastiment intimat fis-somma ta’ tliet mija u hamsa u erbghin elf, mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm345,220) valur ta’ forrnituri, xogholijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija fuq l-istess vapur ZEBBUG fuq inkarigu tal-proprjetarji, l-operaturi u r-rapprezentant tal-bastiment, kif kienu jidhru dettaljati fl-invoices annessi mar-rikors u mmarkati bhala Dokumenti A, B, C u D.

2. Illi minkejja li l-fatturi kienu ntbaghatu lil-proprjetarji u rapprezentanti tal-bastiment, u kienu gew accettati minnhom u l-kontijiet maqbula maghhom, dawn xorta wahda kienu baqghu ma gewx imhallsa minkejja talba ghall-hlas.

3. Illi kienu jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi d-dejn fuq imsemmi kien cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-bastiment intimat ma kellu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont imsemmi.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

i. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh u tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

ii. Konsegwentement tordna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ tliet mija u hamsa u erbghin elf, mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm345,220) valur ta’ forrnituri, xogholijiet, riparazjonijiet u servizzi ezegwiti u moghtija fuq l-istess vapur ZEBBUG kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta’ Impediment ta’ tluq ta’ Bastiment u ta’ Qbid prezentati kontestwalment mar-rikors u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-bastiment intimat, ingunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Louis Cassar Pullicino ghall-istralcarju ta’ Sea Malta Co. Ltd. ipprezenta nota li biha gew ammesi t-talbiet rikorrenti.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni, it-talbiet rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti wara li rat l-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilqaghhom u tordna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tliet mija u hamsa u erbghin elf, mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm345,220) valur ta' fornituri, xogholijiet, riparazjonijiet u servizzi ezegwiti u moghtija fuq l-istess vapur ZEBBUG.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' Impediment ta' tluq ta' Bastiment u ta' Qbid kontra l-bastiment intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------